# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/731

**tat-3 ta' April 2023**

**dwar programm ta' kontroll pluriennali kkoordinat tal-Unjoni għall-2024, l-2025 u l-2026 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi tal-pestiċidi fl-ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u fuqu, u biex jiġi vvalutat l-esponiment għalihom tal-konsumaturi, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/741**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(2) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 ([2]) ġie stabbilit l-ewwel programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll multiannwali għas-snin 2009, 2010 u 2011. Dak il-programm baqa' għaddej skont regolamenti konsekuttivi, li l-aħħar wieħed minnhom huwa r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/741 ([3]).

(2) Hemm bejn 30 u 40 prodott li jikkostitwixxu l-komponenti ewlenin tad-dieta tan-nies fl-Unjoni. Peress li l-użi tal-pestiċidi juru bidliet sinifikanti tul perjodu ta' tliet snin, jeħtieġ li l-pestiċidi f'dawk il-prodotti jiġu mmonitorjati tul sensiela ta' ċikli ta' tliet snin biex l-esponiment tal-konsumaturi u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jkunu jistgħu jiġu vvalutati.

(3) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), ippreżentat rapport xjentifiku dwar il-valutazzjoni tat-tfassil tal-programm ta' monitoraġġ tal-pestiċidi ([4]). Ikkonkludiet li rata ta' eċċess tal-livell massimu tar-residwi li tkun ogħla minn 1 % tista' tiġi stmata b'marġni ta' żball ta' 0,75 % billi jintgħażlu 683 unità ta' kampjun għal minimu ta' 32 prodott differenti. Jenħtieġ li l-għbir ta' dawk il-kampjuni jitqassam fost l-Istati Membri skont id-daqs tal-popolazzjoni, b'minimu ta' 12-il kampjun ta' kull prodott fis-sena.

(4) Tqiesu r-riżultati analitiċi mill-programmi ta' kontroll uffiċjali preċedenti tal-Unjoni biex jiġi żgurat li l-firxa ta' pestiċidi koperti mill-programm ta' kontroll tkun rappreżentattiva tal-pestiċidi użati.

(5) Fis-sit web tal-Kummissjoni tinsab ippubblikata gwida bl-isem "Analytical quality control and validation procedures for pesticide residues analysis in food and feed" ([5]).

(6) Meta d-definizzjoni ta' residwu ta' pestiċida tinkludi sustanzi attivi oħra, metaboliti u/jew prodotti li jirriżultaw minn dekompożizzjoni jew minn reazzjoni, jenħtieġ li dawk il-komposti jiġu rrappurtati separatament sa fejn jitkejlu b'mod individwali ([6]).

---

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 li jikkonċerna programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll multiannwali għall-2009, 2010 u 2011 sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali u biex tevalwa l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 9).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/741 tat-13 ta' Mejju 2022 dwar programm ta' kontroll pluriennali kkoordinat tal-Unjoni għall-2023, l-2024 u l-2025 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi tal-pestiċidi fl-ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u fuqu, u biex jiġi vvalutat l-esponiment għalihom tal-konsumaturi, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/601 (ĠU L 137, 16.5.2022, p. 12).

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; pesticide monitoring program: il-valutazzjoni tad-disinn. EFSA Journal 2015;13(2):4005.

([5]) Id-dokument SANTE/11312/2021.

([6]) SANCO/12574/2014, Dokument ta' Ħidma dwar is-sommarju tal-LOQ f'każ ta' definizzjonijiet kumplessi tar-residwi.

(7) L-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Awtorità laħqu qbil dwar il-mezzi ta' implimentazzjoni, bħall-verżjoni 2 tad-Deskrizzjoni Standard tal-Kampjuni, u l-Linja Gwida dwar ir-Rappurtar ta' Monitoraġġ Kimiku, għas-sottomissjoni tar-riżultati tal-analiżi tar-residwi tal-pestiċidi, relatati mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri.

(8) Għall-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni jenħtieġ li tapplika d-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE ([7]), li tinkorpora l-metodi u l-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni rakkomandati mill-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius.

(9) Jeħtieġ li jiġi vvalutat jekk humiex qed jiġu rispettati l-livelli massimi ta' residwi għall-ikel tat-trabi u tat-tfal żgħar, previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/127 ([8]), fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/128 ([9]) u fl-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE ([10]), billi jitqiesu biss id-definizzjonijiet tar-residwi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(10) Fir-rigward tal-metodi ta' residwu wieħed, l-Istati Membri jistgħu jkunu kapaċi jilħqu l-obbligi ta' analiżi tagħhom billi jirrikorru għal-laboratorji uffiċjali li diġà jkollhom il-metodi vvalidati meħtieġa.

(11) Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw l-informazzjoni li tikkonċerna s-sena kalendarja preċedenti sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena.

(12) Sabiex ma jkun hemm ebda konfużjoni minħabba xi trikkib bejn il-programmi pluriennali konsekuttivi, jenħtieġ li jitħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/741. Madankollu, jenħtieġ li dan ikompli japplika għall-kampjuni ttestjati fl-2023.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Matul is-snin 2024, 2025 u 2026, l-Istati Membri ([11]) għandhom jieħdu u janalizzaw il-kampjuni għall-kombinamenti ta' prodotti/pestiċidi, kif stipulat fl-Anness I.

L-għadd ta' kampjuni li jridu jittieħdu minn kull prodott u jiġu analizzati għandu jkun skont kif stipulat fl-Anness II.

---

([7]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE tal-11 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi metodi tal-Komunità ta' teħid ta' kampjuni għall-kontroll uffiċjali ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti jew mill-annimali u li tħassar id-Direttiva 79/700/KEE (ĠU L 187, 16.7.2002, p. 30).

([8]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/127 tal-25 ta' Settembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni tal-formula tat-trabi u tal-formula ta' prosegwiment u fir-rigward ta' rekwiżiti dwar l-informazzjoni dwar it-tmigħ tat-trabi u tat-tfal żgħar (ĠU L 25, 2.2.2016, p. 1).

([9]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/128 tal-25 ta' Settembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali (ĠU L 25, 2.2.2016, p. 30).

([10]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar (ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16).

([11]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mat-Taqsima 24 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

*Artikolu 2*

1. Il-lott li minnu jittieħdu l-kampjuni għandu jintgħażel b'mod aleatorju.

Il-proċedura tat-teħid ta' kampjuni, inkluż l-għadd ta' unitajiet, għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 2002/63/KE.

2. Il-kampjuni kollha, inklużi dawk tal-oġġetti tal-ikel maħsubin għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar, u tal-prodotti li joriġinaw mill-biedja organika, għandhom jiġu analizzati għall-pestiċidi msemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament f'konformità mad-definizzjonijiet tar-residwi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

3. Għall-oġġetti tal-ikel maħsuba għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar, il-kampjuni għandhom jiġu evalwati fuq il-prodotti kif jiġu proposti lesti għall-konsum, jew wara li jiġu rikostitwiti skont l-istruzzjonijiet tal-manifatturi, filwaqt li jitqiesu l-livelli massimi tar-residwi stipulati fid-Direttiva 2006/125/KE u fir-Regolamenti Delegati (UE) 2016/127 u (UE) 2016/128. F'każijiet meta dawn l-oġġetti tal-ikel ikunu ta' tip li jistgħu jiġu kkunsmati kemm kif jinbiegħu kif ukoll f'forma rikostitwita, ir-riżultati għandhom jiġu rrappurtati fir-rigward tal-prodott kif jinbiegħ.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom jissottomettu r-riżultati tal-analiżi tal-kampjuni ttestjati fl-2024, fl-2025 u fl-2026 sal-31 ta' Awwissu tal-2025, tal-2026 u tal-2027 rispettivament fil-format tar-rappurtar elettroniku kif stipulat mill-Awtorità.

Meta d-definizzjoni ta' residwu ta' pestiċida tinkludi iżjed minn kompost wieħed (sustanza attiva u/jew metabolit jew prodott li jirriżulta minn dekompożizzjoni jew minn reazzjoni), l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw ir-riżultati tal-analiżi f'konformità mad-definizzjoni sħiħa tar-residwu. Ir-riżultati ta' kull wieħed mill-analiti li jiffurmaw parti mid-definizzjoni tar-residwu għandhom jintbagħtu separatament, sa fejn dawn jitkejlu b'mod individwali.

*Artikolu 4*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/741 jitħassar.

Madankollu, għandu jibqa' japplika sal-1 ta' Settembru 2024 fir-rigward tal-kampjuni ttestjati fl-2023.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

PARTI A

**Prodotti** ([1]) **li joriġinaw mill-pjanti** ([2]) **li jridu jittieħdu l-kampjuni minnhom fl-2024, fl-2025 u fl-2026**

| 2024 | 2025 | 2026 |
|---|---|---|
| (b) | (c) | (a) |
| (0151010) Għeneb tal-mejda ([1]) | (0130010) Tuffieħ ([1]) | (0110020) Larinġ ([1]) |
| (0163020) Banana ([1]) | (0152000) Frawli ([1]) | (0130020) Lanġas ([1]) |
| (0110010) Grejpfrut ([1]) | (0140030) Ħawħ, inkluż in-nuċiprisk u ibridi simili ([1]) | (0162010) Frott tal-kiwi ([1]) |
| (0231030) Brunġiel ([1]) | Inbid (aħmar jew abjad) magħmul minn (0151020) għeneb tal-inbid (meta ma jkun hemm l-ebda fattur speċifiku tal-ipproċessar għall-inbid disponibbli, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-fatturi tal-ipproċessar tal-inbid użati). | (0241020) Pastard ([1]) |
| (0241010) Brokkli ([1]) | (0251020) Ħass ([1]) | (0220020) Basal ([1]) |
| (0233010) Bettieħ ([1]) | (0242020) Kaboċċi kkapoċċati ([1]) | (0213020) Karrotti ([1]) |
| (0280010) Faqqiegħ ikkultivat ([1]) | (0231010) Tadam ([1]) | (0211000) Patata ([1]) |
| (0231020) Bżar ħelu ([1]) | (0252010) Spinaċi ([1]) | (0300010) Fażola (mnixxfa) ([1]) |
| (0500090) Ħabb tal-qamħ ([2]) | (0500050) Ħabb tal-ħafur ([2]), ([3]) | (0500070) Ħabb tas-segala ([2]) |
| Żejt taż-żebbuġa verġni minn (0402010) Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt (jekk ma jkun disponibbli ebda fattur tal-ipproċessar speċifiku għaż-żejt, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw il-fatturi tal-ipproċessar użati). | (0500010) Ħabb tax-xgħir ([2]), ([4]) | (0500060) Ir-ross ismar (ir-ross meħluf), li huwa ddefinit bħala ross wara li titneħħa l-qoxra mir-ross bil-ħliefa ([5]) |

([1]) Għandhom jiġu analizzati l-prodotti mhux ipproċessati. Fil-każ ta' prodotti li kienu ffriżati meta ttieħed il-kampjun, għandu jiġi rrappurtat fattur tal-ipproċessar, jekk japplika.
([2]) Jekk ma jkunx hemm biżżejjed kampjuni ta' ħabb tas-segala, tal-qamħ, tal-ħafur jew tax-xgħir, jista' jiġi analizzat ukoll id-dqiq integrali tas-segala, tal-qamħ, tal-ħafur jew tax-xgħir u għandu jiġi rrappurtat fattur tal-ipproċessar.
([3]) Jekk ma jkunx hemm biżżejjed kampjuni ta' ħabb tal-ħafur, l-għadd ta' kampjuni mill-għadd meħtieġ tal-ħabb tal-ħafur li ma jkunx seta' jittieħed, jista' jiżdied mal-għadd ta' kampjuni tal-ħabb tax-xgħir, bir-riżultat li l-għadd tal-kampjuni tal-ħabb tal-ħafur ikun inqas u l-għadd tal-kampjuni ta' ħabb tax-xgħir jiżdied b'mod proporzjonali.
([4]) Jekk ma jkunx hemm biżżejjed kampjuni ta' ħabb tax-xgħir, l-għadd ta' kampjuni mill-għadd meħtieġ tal-ħabb tax-xgħir li ma jkunx seta' jittieħed, jista' jiżdied mal-għadd ta' kampjuni tal-ħabb tal-ħafur, bir-riżultat li l-għadd tal-kampjuni tal-ħabb tax-xgħir ikun inqas, u l-għadd tal-kampjuni ta' ħabb tal-ħafur jiżdied b'mod proporzjonali.
([5]) Meta jkun jixraq, jista' jiġi analizzat ukoll il-ħabb tar-ross li jkunu tneħħewlu l-qoxra u l-ħliefa. Għandu jiġi rrappurtat liema tip ta' ross ikun ġie analizzat, jekk kienx ross imqaxxar u meħluf, jew ross meħluf biss. Jekk ikun ġie analizzat ir-ross imqaxxar u meħluf, għandu jiġi rrappurtat fattur tal-ipproċessar.

([1]) Il-kodiċijiet tal-prodotti skont l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 396/2005 (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).
([2]) Il-partijiet tal-prodotti mhux ipproċessati li għalihom japplikaw l-MRLs għandhom jiġu analizzati għall-prodott ewlieni tal-grupp jew tas-sottogrupp kif elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 396/2005 sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

PARTI B

**Prodotti ([3]) ta' oriġini mill-annimali ([4]) li jridu jittieħdu l-kampjuni minnhom fl-2024, fl-2025 u fl-2026**

| 2024 | 2025 | 2026 |
|---|---|---|
| (d) | (e) | (f) |
| (1012020) Xaħam tal-bovini ([1]), ([1]) | (1020010) Ħalib tal-baqar ([2]) | (1016020) Xaħam tal-pollam ([1]), ([1]) |
| (1030010) Bajd tat-tiġieġ ([1]), ([3]) | (1011020) Xaħam tal-ħanżir ([1]), ([1]) | (1012030) Fwied tal-bovini ([1]) |

([1]) Jistgħu jittieħdu kampjuni mil-laħam f'konformità mat-Tabella 3 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE (ĠU L 187, 16.7.2002, p. 30).
([2]) Il-ħalib frisk (mhux ipproċessat) għandu jiġu analizzat, kif ukoll il-ħalib iffriżat, pasturizzat, imsaħħan, sterilizzat jew iffiltrat.
([3]) Għandu jiġi analizzat il-bajd sħiħ mingħajr il-qoxra.

PARTI C

**Kombinamenti ta' residwi/prodotti tal-pestiċidi li jridu jiġu analizzati fi/fuq il-prodotti li joriġinaw mill-pjanti**

| | 2024 | 2025 | 2026 | Kummenti |
|---|---|---|---|---|
| 2,4-D | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-grejpfrut, fl-għeneb tal-mejda, fil-brunġiel, fil-brokkli u fuqhom fl-2024; fil-ħass, fl-ispinaċi, fit-tadam u fuqhom fl-2025; fil-larinġ, fil-pastard, fir-ross ismar, fil-fażola mnixxfa u fuqhom fl-2026. |
| 2-Fenilfenol | (b) | (c) | (a) | |
| Abamektina | (b) | (c) | (a) | |
| Aċefat | (b) | (c) | (a) | |
| Aċetamiprid | (b) | (c) | (a) | |
| Aklonifen | | | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-karrotti u fuqhom fl-2026. |
| Akrinatrina | (b) | (c) | (a) | |
| Aldikarb | (b) | (c) | (a) | |
| Aldrin u dieldrin | (b) | (c) | (a) | |
| Ametoktradin | (b) | (c) | (a) | |
| Ażinfos-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Ażossistrobina | (b) | (c) | (a) | |
| Bifentrin | (b) | (c) | (a) | |
| Bifenil | (b) | (c) | (a) | |
| Bitertanol | (b) | (c) | (a) | |
| Boskalid | (b) | (c) | (a) | |
| Jon tal-bromur | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-bżar ħelu u fuqu fl-2024; fil-ħass, fit-tadam u fuqhom fl-2025; fir-ross ismar u fuqu fl-2026. |

([3]) Il-kodiċijiet tal-prodotti skont l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 396/2005 (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).
([4]) Il-partijiet tal-prodotti mhux ipproċessati li għalihom japplikaw l-MRLs għandhom jiġu analizzati għall-prodott ewlieni tal-grupp jew tas-sottogrupp kif elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 396/2005 sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Bromopropilat | (b) | (c) | (a) | |
| Bupirimat | (b) | (c) | (a) | |
| Buprofeżin | (b) | (c) | (a) | |
| Kaptan | (b) | (c) | (a) | |
| Karbaril | (b) | (c) | (a) | |
| Karbendażim u benomil | (b) | (c) | (a) | |
| Karbofuran | (b) | (c) | (a) | |
| Klorantraniliprol | (b) | (c) | (a) | |
| Klorfenapir | (b) | (c) | (a) | |
| Klormekwat | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-brunġiel, fl-għeneb tal-mejda, fil-faqqiegħ ikkultivat, fil-qamħ u fuqhom fl-2024; fil-tadam, fil-ħafur u fix-xgħir u fuqhom fl-2025; fil-karrotti, fil-lanġas, fis-segala, fir-ross ismar u fuqhom fl-2026. |
| Klorotalonil | (b) | (c) | (a) | |
| Klorprofam | (b) | (c) | (a) | |
| Klorpirifos | (b) | (c) | (a) | |
| Klorpirifos-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Klofenteżina | (b) | (c) | (a) | |
| **Klopiralid** | (b) | (c) | (a) | |
| Klotijanidina | (b) | (c) | (a) | |
| **Komposti tar-ram** | (b) | (c) | (a) | |
| Ċjantraniliprol | (b) | (c) | (a) | |
| Ċjażofammid | (b) | (c) | (a) | |
| Ċiflufenammid | (b) | (c) | (a) | |
| Ċiflutrin | (b) | (c) | (a) | |
| Ċimoksanil | (b) | (c) | (a) | |
| Ċipermetrina | (b) | (c) | (a) | |
| Ċiprokonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Ċiprodinil | (b) | (c) | (a) | |
| Ċiromażina | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-brunġiel, fil-bżar ħelu, fil-bettieħ, fil-faqqiegħ ikkultivat u fuqhom fl-2024; fil-ħass, fit-tadam u fuqhom fl-2025; fil-patata, fil-basal, fil-karrotti u fuqhom fl-2026. |
| Deltametrina | (b) | (c) | (a) | |
| Diażinon | (b) | (c) | (a) | |
| Diklorvos | (b) | (c) | (a) | |
| Dikloran | (b) | (c) | (a) | |
| Dikofol | (b) | (c) | (a) | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Dietofenkarb | (b) | (c) | (a) | |
| Difenokonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Diflubenżuron | (b) | (c) | (a) | |
| Dimetoat | (b) | (c) | (a) | |
| Dimetomorf | (b) | (c) | (a) | |
| Dinikonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Difenilammina | (b) | (c) | (a) | |
| Ditijanon | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fl-għeneb tal-mejda u fuqu fl-2024; fit-tuffieħ, fil-ħawħ u fuqhom fl-2025; fil-lanġas, fir-ross ismar u fuqhom fl-2026. |
| Ditijokarbamati | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata fil-komoditajiet kollha elenkati u fuqhom, għajr il-brokkli, il-pastard, il-kaboċċi kkapoċċati, iż-żejt taż-żebbuġa, l-inbid u l-basal. |
| Dodina | (b) | (c) | (a) | |
| Benżoat tal-emamektin B1a, espress bħala emamektin | (b) | (c) | (a) | |
| Endosulfan | (b) | (c) | (a) | |
| Epoksikonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Etefon | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-bżar ħelu, fil-qamħ, fl-għeneb tal-mejda u fuqhom fl-2024; fit-tuffieħ, fil-ħawħ, fit-tadam, fl-inbid u fuqhom fl-2025; fil-laringi, fil-lanġas u fuqhom fl-2026. |
| Etijon | (b) | (c) | (a) | |
| Etirimol | (b) | (c) | (a) | |
| Etofenproks | (b) | (c) | (a) | |
| Etossażol | (b) | (c) | (a) | |
| Ossidu tal-etilen | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-qamħ u fuqu fl-2024; fix-xgħir u l-ħafur u fuqhom fl-2025; fil-fażola (mnixxfa), fis-segala, fir-ross ismar u fuqhom fl-2026. |
| Famoksadon | (b) | (c) | (a) | |
| Fenamidon | (b) | (c) | (a) | |
| Fenamifos | (b) | (c) | (a) | |
| Fenarimol | (b) | (c) | (a) | |
| Fenażakwin | (b) | (c) | (a) | |
| Fenbukonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Ossidu tal-fenbutatin | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-brunġiel, fil-grejpfrut, fil-bżar ħelu, fl-għeneb tal-mejda u fuqhom fl-2024; fit-tuffieħ, fil-frawli, fil-ħawħ, fit-tadam, fl-inbid u fuqhom fl-2025; fil-larinġ, fil-lanġas u fuqhom fl-2026. |
| Feneżammid | (b) | (c) | (a) | |
| Fenitrotijon | (b) | (c) | (a) | |
| Fenossikarb | (b) | (c) | (a) | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Fenpropatrina | (b) | (c) | (a) | |
| Fenpropidina | (b) | (c) | (a) | |
| Fenpropimorf | (b) | (c) | (a) | |
| Fenpirażammina | (b) | (c) | (a) | |
| Fenpirossimat | (b) | (c) | (a) | |
| Fentijon | (b) | (c) | (a) | |
| Fenvalerat | (b) | (c) | (a) | |
| Fipronil | (b) | (c) | (a) | |
| Flonikammid | (b) | (c) | (a) | |
| Fluważifop-P | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-brunġiel, fil-brokkli, fil-bżar ħelu, fil-qamħ u fuqhom fl-2024; fil-frawli, fil-kaboċċa kkapoċċata, fil-ħass, fl-ispinaċi, fit-tadam u fuqhom fl-2025; fil-pastard, fil-fażola mnixxfa, fil-patata, fil-karrotti u fuqhom fl-2026. |
| Flubendiammid | (b) | (c) | (a) | |
| Fludioksonil | (b) | (c) | (a) | |
| Flufenoksuron | (b) | (c) | (a) | |
| Fluwopikolid | (b) | (c) | (a) | |
| Fluwopiram | (b) | (c) | (a) | |
| **Flupiradifuron** | (b) | (c) | (a) | |
| Flukwinkonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Flusilażol | (b) | (c) | (a) | |
| Flutrijafol | (b) | (c) | (a) | |
| Fluksapiroksad | (b) | (c) | (a) | |
| Folpet | (b) | (c) | (a) | |
| Formetanat | (b) | (c) | (a) | |
| Fosetil-Al | (b) | (c) | (a) | |
| Fostijażat | (b) | (c) | (a) | |
| Glufosinat-ammonju | (b) | (c) | (a) | |
| Glifosat | (b) | (c) | (a) | |
| Aloksifop inkluż l-aloksifop-P | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-brokkli, fil-grejpfruts, fil-bżar ħelu, fil-qamħ u fuqhom fl-2024; fil-frawli, fil-kaboċċi bir-ras u fuqhom fl-2025; fil-fażola mnixxfa u fuqha fl-2026. |
| Eżakonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Eksitijażoks | (b) | (c) | (a) | |
| Imażalil | (b) | (c) | (a) | |
| Imidakloprid | (b) | (c) | (a) | |
| Indoksakarb | (b) | (c) | (a) | |
| Iprodijon | (b) | (c) | (a) | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Iprovalikarb | (b) | (c) | (a) | |
| Iżokarbofos | (b) | (c) | (a) | |
| Iżoprotijolan | | | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fir-ross ismar u fuqu fl-2026. Ma għandha tiġi analizzata fl-ebda prodott jew fuq l-ebda prodott fl-2024 u fl-2025. |
| Krezoksim-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Lambda-ċjalotrina | (b) | (c) | (a) | |
| Linuron | (b) | (c) | (a) | |
| Lufenuron | (b) | (c) | (a) | |
| Malatijon | (b) | (c) | (a) | |
| Idrażid malejku | | | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-basal u l-patata u fuqhom fl-2026. |
| Mandipropammid | (b) | (c) | (a) | |
| Mepanipirim | (b) | (c) | (a) | |
| Mepikwat | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-faqqiegħ ikkultivat, fil-qamħ u fuqhom fl-2024; fix-xgħir u l-ħafur u fuqhom fl-2025; fil-lanġas, fis-segala, fir-ross ismar u fuqhom fl-2026. |
| Metaflumiżon | (b) | (c) | (a) | |
| Metalaksil u metalaksil-M | (b) | (c) | (a) | |
| Metamidofos | (b) | (c) | (a) | |
| Metidatijon | (b) | (c) | (a) | |
| Metijokarb | (b) | (c) | (a) | |
| Metomil | (b) | (c) | (a) | |
| Metossifenożid | (b) | (c) | (a) | |
| Metrafenon | (b) | (c) | (a) | |
| Monokrotofos | (b) | (c) | (a) | |
| Miklobutanil | (b) | (c) | (a) | |
| **Nikotina** | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fl-għeneb tal-mejda u fuqu fl-2024; fit-tuffieħ, fil-ħass, fit-tadam u fuqhom fl-2025; fil-basal, fil-patata u fuqhom fl-2026. |
| Ometoat | (b) | (c) | (a) | |
| Oksadiksil | (b) | (c) | (a) | |
| Oksamil | (b) | (c) | (a) | |
| Oksidemeton-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Paklobutrażol | (b) | (c) | (a) | |
| Paratijon-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Penkonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Penċikuron | (b) | (c) | (a) | |
| Pendimetalina | (b) | (c) | (a) | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Permetrina | (b) | (c) | (a) | |
| Fosmet | (b) | (c) | (a) | |
| Pirimikarb | (b) | (c) | (a) | |
| Pirimifos-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Prokloraż | (b) | (c) | (a) | |
| Proċimidon | (b) | (c) | (a) | |
| Profenofos | (b) | (c) | (a) | |
| Propamokarb | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fl-għeneb tal-mejda, fil-bettieħ, fil-brunġiel, fil-brokkli, fil-bżar ħelu, fil-qamħ u fuqhom fl-2024; fil-frawli, fil-kaboċċi bir-ras, fl-ispinaċi, fil-ħass, fit-tadam, fix-xgħir u fuqhom fl-2025; fil-karrotti, fil-pastard, fil-basal, fil-patata u fuqhom fl-2026. |
| Propargit | (b) | (c) | (a) | |
| Propikonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Propiżammid | (b) | (c) | (a) | |
| Prokwinażid | (b) | (c) | (a) | |
| Prosulfokarb | (b) | (c) | (a) | |
| Protijokonażol | (b) | (c) | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fil-bżar ħelu, fil-qamħ u fuqhom fl-2024; fil-kaboċċi kkapoċċati, fil-ħass, fit-tadam, fil-ħafur u fix-xgħir u fuqhom fl-2025; fil-karrotti, fil-basal, fis-segala, fir-ross ismar u fuqhom fl-2026. |
| Pimetrożina | (b) | (c) | | Għandha tiġi analizzata biss fil-brunġiel, fil-bettieħ, fil-bżar ħelu u fuqhom fl-2024; fil-kaboċċi kkapoċċati, fil-ħass, fil-frawli, fl-ispinaċi u fit-tadam u fuqhom fl-2025. Ma għandha tiġi analizzata fl-ebda prodott jew fuq l-ebda prodott fl-2026. |
| Piraklostrobin | (b) | (c) | (a) | |
| Piridaben | (b) | (c) | (a) | |
| Piridalil | (b) | (c) | (a) | |
| Pirimetanil | (b) | (c) | (a) | |
| Piriprossifen | (b) | (c) | (a) | |
| Kinossifen | (b) | (c) | (a) | |
| Spinetoram | (b) | (c) | (a) | |
| Spinosad | (b) | (c) | (a) | |
| Spirodiklofen | (b) | (c) | (a) | |
| Spiromesifen | (b) | (c) | (a) | |
| Spirossammina | (b) | (c) | (a) | |
| Spirotetramat | (b) | (c) | (a) | |
| Sulfoksaflor | (b) | (c) | (a) | |
| Tau-Fluvalinat | (b) | (c) | (a) | |
| Tebukonażol | (b) | (c) | (a) | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Tebufenożid | (b) | (c) | (a) | |
| Tebufenpirad | (b) | (c) | (a) | |
| Teflubenżuron | (b) | (c) | (a) | |
| Teflutrin | (b) | (c) | (a) | |
| Terbutilażin | (b) | (c) | (a) | |
| Tetrakonażol | (b) | (c) | (a) | |
| Tetradifon | (b) | (c) | (a) | |
| Tijabendażol | (b) | (c) | (a) | |
| Tijakloprid | (b) | (c) | (a) | |
| Tijametossam | (b) | (c) | (a) | |
| Tijodikarb | (b) | (c) | (a) | |
| Tijofanat-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Tolklofos-metil | (b) | (c) | (a) | |
| Trijadimefon | (b) | (c) | (a) | |
| Trijadimenol | (b) | (c) | (a) | |
| Triażofos | (b) | (c) | (a) | |
| Triċiklażol | | | (a) | Għandha tiġi analizzata biss fir-ross ismar u fuqu fl-2026. |
| Trifloksistrobin | (b) | (c) | (a) | |
| **Triflumiżol** | (b) | (c) | (a) | |
| Triflumuron | (b) | (c) | (a) | |
| Vinklożolin | (b) | (c) | (a) | |
| **Żossammid** | (b) | (c) | (a) | |

PARTI D

## Kombinamenti ta’ residwi ta’ pestiċidi/prodotti li jridu jiġu analizzati fil-prodotti ta’ oriġini mill-annimali u fuqhom

| | 2024 | 2025 | 2026 | Kummenti |
|---|---|---|---|---|
| Aldrin u dieldrin | (d) | (e) | (f) | |
| Bifentrin | (d) | (e) | (f) | |
| Klordan | (d) | (e) | (f) | |
| **Klormekwat** | | (e) | (f) | Għandha tiġi analizzata biss fil-ħalib tal-baqar u fuqu fl-2025; fil-fwied tal-bovini u fuqu fl-2026. |
| Klorpirifos | (d) | (e) | (f) | |
| Klorpirifos-metil | (d) | (e) | (f) | |
| **Komposti tar-ram** | (d) | (e) | (f) | |
| Ċipermetrina | (d) | (e) | (f) | |
| DDT | (d) | (e) | (f) | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Deltametrina | (d) | (e) | (f) | |
| Diażinon | (d) | (e) | (f) | |
| Endosulfan | (d) | (e) | (f) | |
| Famoksadon | (d) | (e) | (f) | |
| Fenvalerat | (d) | (e) | (f) | |
| Fipronil | (d) | (e) | (f) | |
| Glufosinat-ammonju | (d) | (e) | (f) | |
| Glifosat | (d) | (e) | (f) | |
| Ettakloru | (d) | (e) | (f) | |
| Eżaklorobenżen | (d) | (e) | (f) | |
| Eżaklorċikloeżan (HCH, Alfa-Isomeru) | (d) | (e) | (f) | |
| Eżaklorċikloeżan (HCH, Beta-Isomeru) | (d) | (e) | (f) | |
| Indoksakarb | | (e) | | Għandha tiġi analizzata biss fil-ħalib tal-baqar u fuqu fl-2025. |
| Lindan | (d) | (e) | (f) | |
| **Mepikwat** | | (e) | (f) | Għandha tiġi analizzata biss fil-ħalib tal-baqar u fuqu fl-2025; fil-fwied tal-bovini u fuqu fl-2026. |
| Metossiklor | (d) | (e) | (f) | |
| Paratijon | (d) | (e) | (f) | |
| Pendimetalina | (d) | (e) | (f) | |
| Permetrina | (d) | (e) | (f) | |
| Pirimifos-metil | (d) | (e) | (f) | |

*ANNESS II*

## L-għadd ta' kampjuni msemmija fl-Artikolu 1

(1) L-għadd minimu ta' kampjuni minn kull prodott li jridu jittieħdu u jiġu analizzati għall-pestiċidi elenkati fl-Anness I, huwa stabbilit fil-punt (5).

(2) Minbarra l-kampjuni meħtieġa f'konformità mal-punt (5):

— fl-2024 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza għaxar kampjuni ta' ikel tat-trabi b'bażi ta' ċereali pproċessat;

— fl-2025 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza għaxar kampjuni ta' ikel tat-trabi u tat-tfal żgħar għajr formuli tat-trabi, formuli ta' prosegwiment u ikel tat-trabi b'bażi ta' ċereali pproċessat.

— fl-2026 kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza ħames kampjuni ta' formuli tat-trabi u ħames kampjuni ta' formuli ta' prosegwiment;

(3) Meta jkunu disponibbli, f'kull Stat Membru għandha tittieħed kwantità ta' kampjuni minn komoditajiet li joriġinaw mill-biedja organika, li tkun proprozjonata mas-sehem fis-suq ta' dawk il-komoditajiet, b'minimu ta' 1.

(4) L-Istati Membri li jużaw metodi multiresidwi jistgħu jużaw metodi ta' skrinjar kwalitattiv fuq massimu ta' 15 % tal-kampjuni li jridu jittieħdu u jiġu analizzati f'konformità mal-punt (5). Meta jintużaw metodi ta' skrinjar kwalitattiv, l-għadd ta' kampjuni li jifdal għandu jiġi analizzat permezz ta' metodi multiresidwi kwantitattivi.

Meta r-riżultati tal-iskrinjar kwalitattiv ikunu pożittivi, l-Istati Membri għandhom jużaw il-metodu mmirat li jintuża s-soltu biex jikkwantifikaw is-sejbiet.

(5) L-għadd minimu ta' kampjuni għal kull sena għal kull komodità:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **BE** | **15** | | **LT** | **12** |
| **BG** | **15** | | **LU** | **12** |
| **CZ** | **15** | | **HU** | **15** |
| **DK** | **12** | | **MT** | **12** |
| **DE** | **106** | | **NL** | **20** |
| **EE** | **12** | | **AT** | **15** |
| **IE** | **12** | | **PL** | **51** |
| **EL** | **15** | | **PT** | **15** |
| **ES** | **55** | | **RO** | **22** |
| **FR** | **78** | | **SI** | **12** |
| **HR** | **12** | | **SK** | **12** |
| **IT** | **75** | | **FI** | **12** |
| **CY** | **12** | | **SE** | **15** |
| **LV** | **12** | | **UK(NI)** [1] | **12** |
| **GĦADD TOTALI TA' KAMPJUNI: 683** | | | | |

[1] F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, dan ir-Regolament japplika għar-Renju Unit u fih, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.